**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Att ta' Akkuża numru: 9/2020**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**vs**

***OMISSIS***

**Illum, 7 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuża kontra ***Omissis*** ta' wieħed u ħamsin (51) sena, li bih ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta:

**L-EWWEL (1) KAP**
***Stupru Vjolenti***

**Il-Fatti:**

Illi nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), żewġ minuri bl-isem ta' *Omissis 5* u *Omissis 6*, marru jirraportaw fl-Għassa tal-lokal, li ħabiba tagħhom, *Omissis 1*, ukoll minuri, kienet ġiet abbużata sesswalment f'iktar minn okkażjoni waħda minn missierha, *omissis*.

Illi l-Pulizija minnufih bdew bl-investigazzjonijiet tagħhom u bl-għajnuna ta' *social workers*, kellmu lil *Omissis 1*, minuri ta' tlettax (13)-il sena. Infetħet ukoll Inkjesta Maġisterjali b'rabta ma' dan il-każ. *Omissis 1* rrakkontat kif kienet ġiet stuprata mill-akkużat missierha, *Omissis*, f'żewġ okkażjonijiet. Irraportat kif fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u x-xhur u s-snin ta' qabel, waqt li kienet fir-residenza li hija kienet tirrisjedi fiha flimkien ma' missierha *Omissis* ġewwa *Omissis 7*, huwa kien resaq lejha waqt li kienet qegħda fuq is-sufan u kien beda jmissilha sidirha u l-partijiet ġenitali tagħha kemm minn fuq il-ħwejjeġ, kif ukoll minn taħt il-ħwejjeġ. *Omissis 1* ma ħaditx pjaċir b'li kien qiegħed jagħmlilha missierha u pprotestat u qaltlu biex jieqaf, iżda hu ordnalha biex tagħlaq ħalqha u ma tgħajjatx. Wara li messilha sidiriha u l-parti ġenitali tagħha, neża', neżża lill-vittma tiegħu u stupraha u ċioe` daħħal l-organu ġenitali tiegħu ġewwa l-organu ġenitali tagħha u dan bi vjolenza, jiġifieri mingħajr il-kunsens tal-vittma tiegħu. *Omissis 1* tirrapporta kif wara li spiċċa jistupraha, l-akkużat qam minn fuqha u mar ikompli jagħmel dak li kien qiegħed jagħmel fuq il-kompjuter filwaqt li hi, imdejqa, marret tissakkar fil-kamra tagħha.

Illi *Omissis 1* tirraporta kif kien hemm episodju ieħor ta' stupru fl-istess żmien indikat iktar 'il fuq f'din l-att ta' akkuża. Għal darb'oħra, il-minuri tirrapporta kif kienet fuq is-sufan qegħda tilgħab bit-*tablet* u l-akkużat reġa' mar fuqha, beda jmissilha sidirha u l-partijiet ġenitali tagħha, kemm minn fuq il-ħwejjeġ, kif ukoll minn taħt. Tirrakkonta kif l-akkużat, imbagħad, ġibidha biex ipoġġiha f'pożizzjoni aħjar għalih fuq is-sufan, neża', neżża lilha, u stupraha, jiġifieri daħħal il-parti ġenitali tiegħu gol-parti ġenitali tal-vittma bi vjolenza, u ċioe` mingħajr il-kunsens tagħha. Il-minuri għal darb'oħra reġgħet ippruvat tirreżistih, iżda hu reġa' ordnalha biex ma tgħajjatx u ma tiftaħx ħalqha fuq li kien ġara. Il-minuri, imbikkma, reġgħet marret tissakkar fil-kamra tagħha u din id-darba, qatgħet il-polzi tagħha b'xafra konsegwenza ta' dik it-trawma li kienet għadha kemm ġarrbet għat-tieni darba. Illi dawn iż-żewġ episodji ta' stupru saru fuq persuna vulnerabbli u kkawżawlha ħsara ħarxa psikoloġika.
Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li *Omissis* stupra anki lil tnejn oħra minn ħut *Omissis 1* u ċioe` lil *Omissis 2* u *Omissis 3*, liema minuri kienu jiġu t-tfal tal-*partner* tiegħu, *Omissis 4* li tiġi wkoll omm it-tlett minuri msemmija. Dan l-istupru seħħ ukoll fil-perjodu ta' bejn Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa *Omissis 7* u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer.

Illi *Omissis 2* kienet tmur iżżur lil oħtha *Omissis 1* peress li din tal-aħħar kienet tirrisjedi mal-akkużat *Omissis* u *Omissis 2* kienet tirrisjedi ma' ommha *Omissis 4*. Kien proprju f'okkażjoni minnhom li *Omissis 2* ġiet stuprata mill-akkużat *Omissis*. *Omissis 1* qalet lil oħtha tmur iżżurha iżda fil-frattemp, hija kellha eżami x'tattendi. L-akkużat wassal lil *Omissis 1* fil-post tal-eżami u minflok wassal lil *Omissis 2* d-dar tagħha, hekk kif talbitu hi, qalilha sabiex tmur id-dar għandu u flimkien ikunu jistgħu jistennew lil *Omissis 1* hemmhekk. Hekk kif kienet qegħda fir-residenza tal-akkużat, huwa mar fuqha, u beda jmissilha sidirha kif ukoll il-parti ġenitali tagħha, imbagħad kompla billi stupraha, jiġifieri daħħal il-parti ġenitali tiegħu ġewwa l-parti ġenitali tagħha u dan bi vjolenza u mingħajr il-kunsens tal-vittma li hija minuri u persuna vulnerabbli. Hija ppruvat tirreżistih, iżda huwa għalqilha ħalqha b'idejh u żammha l-isfel. Kif lesta, huwa libes, u ordnalha tidħol fil-karozza biex imorru jiġbru lil *Omissis 1* mill-eżami. Dan l-istupru lil *Omissis 2* ikkawżalha ħsara ħarxa psikoloġika u sar minn persuna li fil-mument tal-istupru kien ukoll it-tutur tagħha.

Illi nhar l-erbgħa (4) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-minuri *Omissis 3* rraportat mal-Pulizija kif fil-perjodu ta' bejn Mejju tal-elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, hija kienet ġiet stuprata mill-akkużat *Omissis*. Dan kien seħħ fi tmiem il-ġimgħa meta l-minuri, li kienet tirrisjedi ġewwa Lourdes Home, kienet marret tara lil ommha *Omissis 4*, li dak iż-żmien kienet tgħix mal-akkużat ġewwa *Omissis 7*. Ġara li, kif kienet rieqda f'nofs ta' lejl, l-akkużat mar ħdejha u qajjimha. Kien għarwien u hi nħasdet, iżda hu qalilha biex ma tgħajjatx u qabdilha jdejha u poġġihielha fuq il-parti ġenitali tiegħu. Il-minuri, li dak iż-żmien kellha biss tmien (8) snin, ħarbitlu u marret tistaħba taħt sodda, iżda hu sabha, ħariġha minn hemm taħt u reġa' ħadha fuq is-saqqu fejn kienet rieqda qabel. Kien propju f'dan il-mument li minkejja li l-minuri, persuna vulnerabbli, bdiet tibki, huwa stupraha, jiġifieri daħħal il-parti ġenitali tiegħu ġewwa l-parti ġenitali tagħha u dan sar bi vjolenza, jiġifieri mingħajr il-kunsens tagħha. *Omissis 3* rrapportat li bdiet tgħajjat bl-uġigħ iżda għattielha ħalqha u mbagħad intilfet minn sensiha. Hija kienet tkellmet mas-*social worker* fuq dan li ġara. Dan l-istupru lil *Omissis 3* ikkawżalha ħsara ħarxa psikologika u sar minn persuna li fil-mument tal-istupru kien ukoll it-tutur tagħha.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rapporti, nhar is-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-akkużat *Omissis* ġie mressaq il-Qorti akkużat fost oħrajn bl-istupru ta' *Omissis 1* u *Omissis 2,* liema akkużi ġew emendati fis-sbatax (17) ta'

Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) sabiex jinkludu wkoll l-istupru tal-minuri *Omissis 3*.

**Il-Konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat *Omissis* sar ħati li fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, ġewwa *Omissis 7* u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: b'għemil żieni kkommetta stupru vjolenti fuq il-minuri *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il sena, *Omissis 2* ta' ħmistax (15)-il sena u *Omissis 3* ta' tmien (8) snin, liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ ripetutament fuq persuni minuri u vulnerabbli, kif ukoll għaliex sar minn axxendent u tutur tal-vittmi u wassal għall-ħsara ħarxa psikoloġika tal-vittmi.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi *Omissis* talli fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, ġewwa *Omissis 7* limiti ta' Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: b'għemil żieni kkommetta stupru vjolenti fuq il-minuri *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il sena, *Omissis 2* ta' ħmistax (15)-il sena u *Omissis 3* ta' tmien (8) snin, liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ, ripetutament fuq persuni minuri u vulnerabbli kif ukoll għaliex sar minn axxendent u tutur tal-vittmi u wassal għall-ħsara ħarxa psikoloġika tal-vittmi.

**Il-Piena Mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat *Omissis* u li jiġi kkundannat għal piena ta' prigunerija minn ħames (5) snin sa għoxrin (20) sena u dan skont dak li hemm fl-Artikoli 17, 18, 31, 198[1], 201(a), 202(b)(g)(h)(iii)(j)(k)(m) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu

[1] Qabel l-emendi li seħħew permezz tal-Att XIII tal-2018.

9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**
***Korruzzjoni ta' Minuri***

**<u>Il-Fatti</u>:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuża, nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), żewġ minuri bl-isem ta' *Omissis 5* u *Omissis 6*, marru jirrapportaw fl-Għassa ta' *omissis 7* li ħabiba tagħhom, *Omissis 1*, ukoll minuri, kienet ġiet abbużata sesswalment f'iktar minn okkażjoni waħda minn missierha, *Omissis*.

Illi l-Pulizija minnufih bdew bl-investigazzjonijiet tagħhom u bl-għajnuna ta' *social workers*, kellmu lil *Omissis 1*, minuri ta' tlettax (13)-il sena. Infetħet ukoll Inkjesta Maġisterjali b'rabta ma' dan il-każ. *Omissis 1* rrakkontat kif kienet ġiet stuprata mill-akkużat *Omissis*, f'żewġ okkażjonijiet. Irrapportat kif fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u x-xhur u s-snin ta' qabel, waqt li kienet fir-residenza li hija kienet tirrisjedi fiha flimkien ma' missierha *Omissis* ġewwa *Omissis 7*, huwa kien resaq lejha waqt li kienet qegħda fuq is-sufan u kien beda jmissilha sidirha, kif ukoll il-partijiet ġenitali tagħha kemm minn fuq il-ħwejjeġ, kif ukoll minn taħt il-ħwejjeġ. *Omissis 1* ma ħaditx pjacir b'li kien qiegħed jagħmlilha missierha u pprotestat u qaltlu biex jieqafm iżda hu ordnalha biex tagħlaq ħalqha u ma tgħajjatx. Wara li messilha sidiriha u l-parti ġenitali tagħha, neża', neżża lill-vittma tiegħu u stupraha. *Omissis 1* tirrapporta kif wara li spicca jistupraha, l-akkużat qam minn fuqha u mar ikompli jagħmel dak li kien qiegħed jagħmel fuq il-kompjuter filwaqt li hi, imdejqa, marret tissakkar fil-kamra tagħha.

Illi *Omissis 1* tirrapporta kif kien hemm episodju ieħor ta' stupru fl-istess żmien indikat iktar 'il fuq f'din l-att ta' akkuża. Għal darba oħra, il-minuri tirrapporta kif kienet fuq is-sufan qegħda tilgħab bit-*tablet* u l-akkużat reġa' mar fuqha, beda jmissilha sidirha u l-partijiet ġenitali tagħha, kemm minn fuq il-ħwejjeġ kif ukoll minn taħt. Tirrakonta kif l-akkużat, imbagħad, ġibidha biex ipoġġiha f'pożizzjoni aħjar għalih fuq is-sufan, neża', nežża lilha, u stupraha. Il-minuri għal darba oħra

reġġħet ippruvat tirreżistih, iżda hu reġa' ordnalha biex ma tgħajjatx u ma tiftaħx ħalqha fuq li kien ġara. Il-minuri, imbikkma, reġġħet marret tissakkar fil-kamra tagħha u din id-darba, qatgħet il-polzi tagħha b'xafra konsegwenza ta' dik it-trawma li kienet għadha kemm ġarrbet għat-tieni darba.

Illi kwindi l-akkużat *Omissis* wettaq għemil żieni li qanqal il-konkupixxjenza ta' tifla ta' taħt l-eta` u kien konsegwenza tal-korruzzjoni tagħha. Dan id-delitt sar bi vjolenza u sar minn axxendent mid-demm waqt li kienet fdata lilu l-minuri sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jindukraha u jżommha.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li *Omissis* stupra anki lil tnejn oħra minn ħut *Omissis 1* u ċioe' lil *Omissis 2* u *Omissis 3*, liema minuri kienu jiġu t-tfal tal-*partner* tiegħu, *Omissis 4* li tiġi wkoll omm it-tlett minuri msemmija. Dan l-istupru seħħ ukoll fil-perjodu ta' bejn Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa *Omissis 7* u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer.

Illi *Omissis 2* kienet tmur iżżur lil oħtha *Omissis 1* peress li din tal-aħħar kienet tirrisjedi mal-akkużat *Omissis* u *Omissis 2* kienet tirrisjedi ma' ommha *Omissis 4*. Kien propju f'okkażjoni minnhom li *Omissis 2* ġiet stuprata mill-akkużat Azzopardi. *Omissis 1* qalet lil oħtha tmur iżżurha iżda fil-frattemp, hija kellha eżami x'tattendi. L-akkużat wassal lil *Omissis 1* fil-post tal-eżami u minflok wassal lil *Omissis 2* d-dar tagħha, hekk kif talbitu hi, qalilha sabiex tmur id-dar għandu u flimkien ikunu jistgħu jistennew lil *Omissis 1* hemmhekk. Hekk kif kienet qegħda fir-residenza tal-akkużat, huwa mar fuqha, u beda jmissilha sidirha, kif ukoll il-parti ġenitali tagħha, imbagħad kompla billi stupraha.

Illi kwindi l-akkużat *Omissis* wettaq għemil żieni li qanqal il-konkupixxjenza ta' tifla ta' taħt l-eta` u kien konsegwenza tal-korruzzjoni tagħha. Dan id-delitt sar bi vjolenza u sar minn persuna lil min kienet ġiet fdatha minuri sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jindukraha u jżommha.

Illi nhar l-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-minuri *Omissis 3* rrapportat mal-Pulizija kif fil-perjodu ta' bejn Mejju tal-elfejn u hmistax (2015) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, hija kienet ġiet stuprata mill-akkużat *Omissis*. Darba minnhom, kif kienet rieqda f'nofs ta' lejl fir-residenza fejn ommha kienet qegħda tgħix fiha mal-akkużat ġewwa *Omissis 7,* l-akkużat mar ħdejha u qajjimha. Kien għarwien u hi nħasdet, iżda hu qalilha biex ma tgħajjatx u qabdilha idejha u

poġġihielha fuq il-parti ġenitali tiegħu. Il-minuri, li dak iż-żmien kellha biss tmien (8) snin, ħarbitlu u marret tistaħba taħt sodda iżda hu sabha, ħariġha minn hemm taħt u reġa' ħadha fuq is-saqqu fejn kienet rieqda qabel. Kien propju f'dan il-mument li l-akkużat stupraha. *Omissis 3* rrapportat li bdiet tgħajjat bl-uġigħ, iżda għattielha ħalqha u mbagħad intilfet minn sensiha. Hija kienet tkellmet mas-*social worker* fuq dan li ġara.

Illi kwindi l-akkużat *Omissis* wettaq għemil żieni li qanqal il-konkupixxjenza ta' tifla ta' taht l-eta` u kien konsegwenza tal-korruzzjoni tagħha. Dan id-delitt sar bi ħsara ta' persuna taħt it-tnax-il sena u sar minn persuna li kien ġie fdat minuri sabiex jieħu ħħsiebha, jedukaha, jindukraha u jżommha.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rapporti, nhar is-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-akkużat *Omissis* ġie mressaq il-Qorti akkużat fost oħrajn bl-istupru ta' *Omissis 1* u *Omissis 2*, liema akkużi ġew emendati fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) sabiex jinkludu wkoll l-istupru tal-minuri *Omissis 3*.

**<u>Il-Konsegwenzi</u>:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat *Omissis* sar ħati talli fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, ġewwa *Omissis 7* u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'għemil żieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta` u ċioe` lil *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il sena, lil *Omissis 2* ta' ħmistax (15)-il sena u lil *Omissis 3* ta' tmien (8) snin, liema delitt hu aggravat minħabba li sar bi vjolenza u minn axxendent u tutur tal-imsemmija minuri kif ukoll, fil-każ ta' *Omissis 3* biss, bi ħsara ta' persuna li ma kinitx għadha għalqet l-eta` ta' tnax (12)-il sena.

**<u>L-Akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi *Omissis* fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data,

ġewwa *Omissis 7* limiti ta' Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'għemil żieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta` u ċioe` lil *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il sena, lil *Omissis 2* ta' ħmistax (15)-il sena u lil *Omissis 3* ta' tmien (8) snin, liema delitt hu aggravat minħabba li sar bi vjolenza u minn axxendent u tutur tal-imsemmija minuri kif ukoll, fil-każ ta' *Omissis 3* biss, bi ħsara ta' persuna li ma kinitx għadha għalqet l-eta` ta' tnax (12)-il sena.

**<u>Il-Piena Mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat *Omissis* u illi hu jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlett (3) snin sa tnax (12)-il sena u dan skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 18, 31, 203(1)(a)(c) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IT-TIELET (3) KAP</u>**

***Parteċipazzjoni f'Attivitajiet Sesswali ma' Persuni ta' Taħt l-Eta`***

**<u>Il-Fatti</u>:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fil-Kapi preċedenti tal-Att ta' Akkuża, nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), żewġ minuri bl-isem ta' *Omissis 5* u *Omissis 6*, marru jirrapportaw fl-ghassa ta' *omissis 7* li ħabiba tagħhom, *Omissis 1*, ukoll minuri, kienet ġiet abbużata sesswalment f'iktar minn okkażjoni waħda minn missierha, *Omissis*.

Illi l-Pulizija minnufih bdew bl-investigazzjonijiet tagħhom u bl-għajnuna ta' *social workers* mill-Agenzija Appoġġ, kellmu lil *Omissis 1*, minuri ta' tlettax (13)-il sena. Infetħet ukoll Inkjesta Maġisterjali b'rabta ma' dan il-każ. *Omissis 1* rrakkontat kif fil-perjodu ndikat hija kienet tgħix ma' missierha *Omissis* ġewwa r-residenza tiegħu f'*Omissis 7* u matul dan iż-żmien huwa kien abbużaha sesswalment. Il-minuri tirrakkonta kif dak iż-żmien kellha biss tlettax (13)-il sena u l-abbuż sesswali ġara f'żewġ okkażjonijiet. L-akkużat kien f'żewġ okkażjonijiet resaq lejn bintu *Omissis 1* waqt li kienet qegħda fuq is-sufan u l-

ewwel missilha sidirha u l-parti genitali tagħha, imbagħad ippenetraha sesswalment. Dan id-delitt sar minn axxendent tat-tifla meta kienet minuri u għalhekk persuna vulnerabbli u kkawżalha ħsara lis-saħħa mentali tagħha.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li *Omissis* stupra anki lil tnejn oħra minn ħut *Omissis 1* u ċioe' lil *Omissis 2* u *Omissis 3,* liema minuri kienu jiġu t-tfal tal-*partner* tiegħu, *Omissis 4* li tiġi wkoll omm it-tlett minuri msemmija. Dan l-abbuż sewwali seħħ ukoll fil-perjodu ta' bejn Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa *Omissis 7* u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer.

Illi *Omissis 2* rrapportat kif *Omissis* kien abbużaha sesswalment fir-residenza tiegħu f'okkażjoni meta hija marret iżżur lil oħtha *Omissis 1.* Jirriżulta kif dan seħħ waqt li *Omissis 1* kienet qegħda tagħmel eżami u *Omissis 2* kienet qegħda tistenniha waħidha mal-akkużat. L-akkużat resaq lejha u beda jmissilha sidirha, kif ukoll il-parti ġenitali tagħha. Imbagħad huwa neża', neżża' lill-vittma tiegħu u stupraha. Dan id-delitt sar minn persuna li f'dak il-mument kien tutur tal-vittma u sar meta hija kienet għadha minuri, għalhekk persuna vulnerabbli u kkawża ħsara lis-saħħa mentali tagħha.

Illi nhar l-erbgħa (4) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-minuri *Omissis 3* rrapportat mal-Pulizija kif fil-perjodu ta' bejn Mejju tal-elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, hija kienet ġiet abbużata sesswalment minn *Omissis* li kien jiġi l-*partner* ta' ommha *Omissis 4.* Dan l-abbuż sesswali seħħ fiż-żmien li ommha u l-akkużat kienu jgħixu flimkien fir-residenza tiegħu ġewwa *Omissis 7.* Darba minnhom, kif kienet rieqda f'nofs ta' lejl, l-akkużat mar ħdejha u qajjimha. Kien għarwien u hi nħasdet, iżda hu qalilha biex ma tgħajjatx u qabdilha idejha u poggihielha fuq il-parti ġenitali tiegħu. Il-minuri, li dak iż-żmien kellha biss tmien (8) snin, ħarbitlu u marret tistaħba taħt sodda, iżda hu sabha, ħariġha minn hemm taħt u reġa' ħadha fuq is-saqqu fejn kienet rieqda qabel. Kien proprju f'dan il-mument li huwa stupraha. Dan id-delitt sar minn persuna li f'dak il-mument kien tutur tal-vittma u sar meta hija kienet għadha minuri għalhekk persuna vulnerabbli u kkawża ħsara lis-saħħa mentali tagħha.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rapporti, nhar is-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-akkużat *Omissis* ġie mressaq il-Qorti akkużat fost oħrajn bl-istupru ta' *Omissis 1* u *Omissis 2,* liema akkużi ġew emendati fis-sbatax (17) ta'

Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) sabiex jinkludu wkoll l-istupru tal-minuri *Omissis 3*.

**<u>Il-Konsegwenzi</u>:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat *Omissis* sar ħati talli nhar id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), kif ukoll matul ix-xhur u s-snin ta' qabel din id-data, ġewwa *Omissis 7,* b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taħt l-eta` u ċioe` mal-minuri *Omissis 1* ta' tlettax (13) il sena, ma' *Omissis 2* ta' ħmistax (15)-il sena u ma' *Omissis 3,* minuri ta' tmien (8) snin u dan bi ħsara ta' persuni vulnerabbli, filwaqt li kien ukoll axxendent u tutur ta' dawn il-minuri rispettivament, u b'tali delitt huwa għamel ħsara lis-saħħa mentali ta' dawn il-minuri.

**<u>L-Akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi *Omissis* talli nhar id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), kif ukoll matul ix-xhur u s-snin ta' qabel din id-data, ġewwa *Omissis 7,* b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew maghħmula b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taħt l-eta` u ċioe` mal-minuri *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il sena, ma' *Omissis 2* ta' hmistax (15)-il sena u ma' *Omissis 3,* minuri ta' tmien (8) snin u dan bi ħsara ta' persuni vulnerabbli, filwaqt li kien ukoll axxendent u tutur ta' dawn il-minuri rispettivament, u b'tali delitt huwa għamel ħsara lis-saħħa mentali ta' dawn il-minuri.

**<u>Il-Piena Mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat *Omissis* u illi hu jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitt (6) snin sa tletin (30) sena u dan skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 31, 204C(2)(a), 208AC(a)(b)(d)(e)(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9

tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IR-RABA' (4) KAP</u>**
***Attentat Vjolenti għall-Pudur***

**<u>Il-Fatti</u>:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fil-Kapi preċedenti tal-Att ta' Akkuża, nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), żewġ minuri bl-isem ta' *Omissis 5* u *Omissis 6,* marru jirrapportaw fl-Għassa ta' *omissis 7* li ħabiba tagħhom, *Omissis 1*, ukoll minuri, kienet ġiet abbużata sesswalment f'iktar minn okkażjoni waħda minn missierha, *Omissis*.

Illi l-Pulizija minnufih bdew bl-investigazzjonijiet tagħhom u bl-għajnuna ta' *social workers*, kellmu lil *Omissis 1*, minuri ta' tlettax (13)-il sena. Infetħet ukoll Inkjesta Maġisterjali b'rabta ma' dan il-każ. *Omissis 1* rrakkontat kif fil-perjodu ndikat hija kienet tgħix ma' missierha *Omissis* ġewwa r-residenza tiegħu f'*Omissis 7* u matul dan iż-żmien huwa kien abbużaha sesswalment. Il-minuri tirrakkonta kif dak iż-żmien kellha biss tlettax (13)-il sena u l-abbuż sesswali ġara f'żewġ okkażjonijiet. L-akkużat kien f'żewġ okkażjonijiet resaq lejn bintu *Omissis 1* waqt li kienet qegħda fuq is-sufan u l-ewwel missilha sidirha u l-parti ġenitali tagħha, imbagħad ippenetraha sesswalment. Dawn l-atti kienu tali li offendew il-pudur u l-morali tat-tifla, u ċioe` offendew is-sens ta' diċenza tagħha. Dan id-delitt seħħ meta hija kienet minuri u għalhekk persuna vulnerabbli u kkawżalha ħsara ħarxa psikoloġika.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li *Omissis* stupra anki lil tnejn oħra minn ħut *Omissis 1* u ċioe` lil *Omissis 2* u *Omissis 3,* liema minuri kienu jiġu t-tfal tal-*partner* tieghu, *Omissis 4* li tiġi wkoll omm it-tlett minuri msemmija. Dan l-abbuż sesswali seħħ ukoll fil-perjodu ta' bejn Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa *Omissis 7* u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer.

Illi *Omissis 2* rrapportat kif *Omissis* kien abbużaha sesswalment fir-residenza tiegħu f'okkażjoni meta hija marret iżżur lil oħtha *Omissis 1.* Jirrizulta kif dan seħħ waqt li *Omissis 1* kienet qegħda tagħmel eżami u *Omissis 2* kienet qegħda

tistenniha waħidha mal-akkużat. L-akkużat resaq lejha u beda jmissilha sidirha kif ukoll il-parti ġenitali tagħha. Imbagħad huwa neża', neżża' lill-vittma tiegħu u stupraha. Dawn l-atti kienu tali li offendew il-pudur u l-morali tal-minuri u ċioe` offendew is-sens ta' diċenza tagħha. Dan id-delitt seħħ meta hija kienet fdata lill-akkużat bhala t-tutur tagħha u peress li kienet minuri kienet ukoll persuna vulnerabbli. Dan id-delitt ikkawżalha wkoll ħsara ħarxa psikoloġika.

Illi nhar l-erbgħa (4) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-minuri *Omissis 3* rrapportat mal-Pulizija kif fil-perjodu ta' bejn Mejju tal-elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, hija kienet ġiet abbużata sesswalment minn *Omissis* li kien jiġi l-*partner* ta' ommha *Omissis 4*. Dan l-abbuż sesswali seħħ fiż-żmien li ommha u l-akkużat kienu jgħixu flimkien fir-residenza tiegħu ġewwa *Omissis 7*, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex. Darba minnhom, kif kienet rieqda f'nofs ta' lejl, l-akkużat mar ħdejha u qajjimha. Kien għarwien u hi nħasdet, iżda hu qalilha biex ma tgħajjatx u qabdilha idejha u poġġihielha fuq il-parti ġenitali tieghu. Il-minuri, li dak iż-żmien kellha biss tmien (8) snin, ħarbitlu u marret tistaħba taħt sodda iżda hu sabha, ħariġha minn hemm taħt u reġa' ħadha fuq is-saqqu fejn kienet rieqda qabel. Kien propju f'dan il-mument li huwa stupraha. Dawn l-atti kienu tali li offendew il-pudur u l-morali tal-minuri u ċioe` offendew is-sens ta' diċenza tagħha. Dan id-delitt seħħ meta hija kienet fdata lill-akkużat bhala t-tutur tagħha u peress li kienet minuri kienet ukoll persuna vulnerabbli. Dan id-delitt ikkawżalha wkoll ħsara ħarxa psikoloġika.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rapporti, nhar is-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-akkużat *Omissis* ġie mressaq il-Qorti akkużat fost oħrajn bl-istupru ta' *Omissis 1* u *Omissis 2,* liema akkużi ġew emendati fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) sabiex jinkludu wkoll l-istupru tal-minuri *Omissis 3*.

**<u>Il-Konsegwenzi</u>:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat *Omissis* sar ħati talli fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, ġewwa *Omissis 7* limiti ta' Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkometta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-minuri *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il

sena, *Omissis 2* ta' ħmistax (15)-il sena u *Omissis 3* ta' tmien (8) snin, liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ minn axxendent u tutur tal-vittmi, liema vittmi kienu persuni minuri u vulnerabbli u kkawżalhom ukoll ħsara ħarxa psikoloġika.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi *Omissis* talli fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, ġewwa *Omissis 7* limiti ta' Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-minuri *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il sena, *Omissis 2* ta' ħmistax (15)-il sena u *Omissis 3* ta' tmien (8) snin, liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ minn axxendent u tutur tal-vittmi, liema vittmi kienu persuni minuri u vulnerabbli u kkawżalhom ukoll ħsara ħarxa psikoloġika.

**Il-Piena Mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat *Omissis* u illi hu jigi kkundannat ghall-piena ta' priġunerija minn ħames (5) xhur sa sentejn u dan skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 18, 31, 202(b)(g)(h)(iii)(v)(j)(k)(m), 207[2] u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużat ***Omissis***, ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Frar 2025, fejn filwaqt li ddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu fit-termini tal-Artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, talbu lil din il-Qorti illi, fl-eventwalita` illi jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat *Omissis* għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' **tnax-il (12) sena**, u dana oltre kwalsiasi

[2] Qabel l-emendi li seħħew permezz tal-Att XIII tal-2018.

sanzjoni, ħlas ta' spejjeż u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija, ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-partijiet, inkluż lill-avukat difensur tal-*parte civile Omissis 3* illum Baldacchino, jitrattaw dwar il-piena kontenuta fir-rikors konġunt tat-13 ta' Frar 2025;

Semgħet ukoll lis-Supretendent Bernard Charles Spiteri, fl-udjenza tal-24 ta' Frar 2025, jiddikjara bil-ġurament tiegħu, illi waħda mill-allegati vittmi ossia *Omissis 1*, avviċinatu ġewwa l-Għassa *omissis 7,* fil-ġimgħa ta' qabel, u nfurmatu illi xtaqet tirtira r-rapport li kienet għamlet dwar dan il-każ, fil-konfront ta' missierha, l-akkużat;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Marzu 2025, li permezz tiegħu ordnat illi titħarrek sabiex tixhed, *Omissis 1*;

Semgħet ix-xhieda ta' *Omissis 1* fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2025;

Qieset illi fl-istess udjenza, *Omissis 1* xehdet illi hija ma xtaqitx tkompli b'dan il-każ, u li xtaqet twaqqaf il-każ min-naħa tagħha, u dan għaliex fi kliemha, missierha kien dejjem f'ħajjitha u rabbiha hu: "*Rabbieni hu, dejjem ra li jiena dejjem nitla' b'saħti u li ma jiġrili xejn. Kien hu li tipo tellgħani jien min jien. Kieku ma kienx hu jien m'iniex hawn*"[3]. Xehdet ukoll illi din id-deċiżjoni ħaditha waħedha, li ħadt ma wegħdha xejn, ħeddidha jew beżżagħha sabiex ma tixhidx fil-konfront ta' missierha, inkluż missierha stess, u li ħadd ma nfluwenzaha sabiex ħadet din id-deċiżjoni. Xehdet ukoll illi ma tħossx illi għandha bżonn protezzjoni minn missierha, li l-unika appoġġ li ssib sal-lum huwa mingħand missierha u l-ħabiba tagħha, u illi meta kellha bżonn tiġi rikoverata l-isptar għal erbat ijiem, missierha kien dejjem magħha.

Rat ukoll illi waqt l-udjenza tad-9 ta' April 2025, u fid-dawl tar-rinunzja kif espressa mix-xhud *Omissis 1* fix-xhieda tagħha tal-10 ta' Marzu 2025, il-Qorti staqsiet lill-partijiet, b'mod partikolari lill-avukat difensur tal-akkużat, jekk kinux qed iżommu mal-patteġġjament kif milħuq bejn l-akkużat u l-Avukat Ġenerali skont ir-rikors konġunt tat-13 ta' Frar 2025;

[3] A fol. 123 tal-atti proċesswali.

Rat in oltre illi l-avukat difensur tal-akkużat, għall-istess akkużat, iddikjara illi minkejja r-rinunzja espressa minn *Omissis 1*, l-akkużat kien qed iżomm ferm mal-patteġġjament milħuq. L-istess iddikjaraw l-avukati rappreżentanti l-Avukat Ġenerali, fil-waqt illi l-avukat tal-*parte civile Omissis 3*, iddikjarat illi kienet qed iżżomm mas-sottomissjonijiet tagħha dwar il-patteġġjament u l-piena li għandha tiġi erogata fil-konfront tal-akkużat fil-każ ta' ammissjoni ta' ħtija da parti tiegħu; Rat ukoll illi waqt l-istess udjenza tad-9 ta' April 2025, il-Qorti ddikjarat illi kienet lesta li tilqa' r-rinunzja da parti ta' *Omissis 1*, kif ukoll fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-patteġġjament kif milħuq bejn il-partijiet;

Rat in oltre illi waqt l-istess udjenza tad-9 ta' April 2025, quddiem din il-Qorti, l-akkużat ***Omissis***, debitament assistit mill-avukat difensur tiegħu, irreġistra ammissjoni għall-akkużi lilu addebitati fl-Att ta' Akkuża surreferit;

Rat illi wara li wissiet lill-akkużat bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, wara li rat ukoll illi huwa kien qed jifhem l-import tal-istess ammissjoni, inkluż il-kontenut u l-konsegwenzi tat-talba fir-rikors konġunt fuq imsemmi, u wara li tagħtu ħin suffiċjenti sabiex jerġa' jikkonsulta mal-avukat tiegħu, jerġa' jaħsibha u jerġa' lura mill-ammissjoni tiegħu, kif obbligata li tagħmel skont l-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, u wara illi l-kawża ġiet posposta għal dan il-għan, l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu u dan fil-presenza tal-avukati difensuri tiegħu;

Għaldaqstant, fl-ewwel lok, tqis illi l-Artikolu 543(f) tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
>
> ...
>
> (f) fil-każ ta' stupru kif imfisser fl-artikolu 198 ta' dan il-Kodiċi:
>
> Iżda, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi stupru tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata

> konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, kull minuri involuti, u kull terzi persuni relevanti oħra.

Fir-rigward, din il-Qorti tqis illi minkejja illi l-allegata vittma, *Omissis 1*, m'għamlitx talba formali lil din il-Qorti sabiex jitwaqqfu l-proċeduri kontra l-akkużat *Omissis*, ix-xewqa tagħha kif espressa minnha fix-xhieda tal-10 ta' Marzu 2025 illi da parti tagħha tixtieq twaqqaf il-proċeduri fil-konfront ta' missierha, kienet waħda ċara ferm, u għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi dan ir-rekwiżit li trid il-liġi jinsab sodisfatt. Tenut kont tax-xhieda tal-istess *Omissis 1*, filwaqt illi ċertament qed tieħu in konsiderazzjoni s-serjeta` tal-każ odjern, tqis ukoll b'mod partikolari l-aħjar interessi tal-allegata vittma, kif meħtieġ mil-liġi, b'dan għalhekk illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-istess *Omissis 1*, din il-Qorti tqis illi ma jkunx għaqli illi tordna li l-proċeduri kontra l-akkużat jitkomplew, in kwantu dawn jikkonċernaw lill-istess *Omissis 1*. F'dan ir-rigward, din il-Qorti qed tqis ukoll illi l-istess *Omissis 1* għażlet ukoll illi ma tixhidx fil-konfront ta' missierha matul il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

Għalhekk **qed tiddikjara l-proċediment eżawrit** in kwantu l-akkużat *Omissis* ġie akkużat:

Fl-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuża, talli fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, ġewwa *Omissis 7*, limiti ta' Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: b'għemil żieni kkommetta stupru vjolenti fuq il-minuri *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il sena, liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ ripetutament fuq persuna minuri u vulnerabbli, kif ukoll għaliex sar minn axxendent u tutur tal-vittma u wassal għal ħsara ħarxa psikoloġika tal-vittma;

Fit-Tieni Kap tal-Att ta' Akkuża, talli fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, ġewwa *Omissis 7*, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'għemil żieni, ikkorrompa persuni ta' taħt l-eta` u ċioe` lil *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il sena, liema delitt huwa aggravat minħabba li sar bi vjolenza u minn axxendent u tutur tal-imsemmija minuri;

Fit-Tielet Kap tal-Att ta' Akkuża, talli nhar id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), kif ukoll matul ix-xhur u s-snin ta' qabel din id-data, ġewwa *Omissis 7*, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taħt l-eta` u ċioe` mal-minuri *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il sena, u dan bi ħsara ta' persuni vulnerabbli, filwaqt li kien ukoll axxendent u tutur tal-minuri, u b'tali delitt huwa għamel ħsara lis-saħħa mentali tal-minuri; u

Fir-Raba' Kap tal-Att ta' Akkuża, talli fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, ġewwa *Omissis 7*, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-minuri *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il sena, liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ minn axxendent u tutur tal-vittma, liema vittma kienet persuna minuri u vulnerabbli u kkawżalha ukoll ħsara ħarxa psikoloġika.

Illi in oltre, fid-dawl tal-ammissjoni tiegħu, il-Qorti tiddikjara lil ***Omissis* <u>ħati</u>** taħt il-Kapi kollha tal-Att tal-Akkuża u ċioe` ħati talli fil-perjodu ta' bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'għemil żieni kkommetta stupru vjolenti fuq il-minuri *Omissis 2* ta' ħmistax (15)-il sena u *Omissis 3* ta' tmien (8) snin, liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ ripetutament fuq persuni minuri u vulnerabbli, kif ukoll għaliex sar minn axxendent u tutur tal-vittmi u wassal għal ħsara ħarxa psikoloġika tal-vittmi;

2. B'għemil żieni ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta` u ċioe` lil *Omissis 2* ta' ħmistax (15)-il sena u lil *Omissis 3* ta' tmien (8) snin, liema delitt hu aggravat minħabba li sar bi vjolenza u minn axxendent u tutur tal-imsemmija minuri, kif ukoll fil-każ ta' *Omissis 3* biss, bi ħsara ta' persuna li ma kinitx għadha għalqet l-eta` ta' tnax (12)-il sena;

3. Ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taħt l-eta` u ċioe` mal-minuri *Omissis 2* ta' ħmistax (15)-il sena u ma' *Omissis 3*, minuri ta' tmien (8) snin u dan bi ħsara ta' persuni vulnerabbli, filwaqt li kien ukoll axxendent u tutur ta' dawn il-minuri, u b'tali delitt huwa għamel ħsara lis-saħħa mentali ta' dawn il-minuri;

4. Ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-minuri *Omissis 2* ta' ħmistax (15)-il sena u *Omissis 3* ta' tmien (8) snin, liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ minn axxendent u tutur tal-vittmi, liema vittmi kienu persuni minuri u vulnerabbli u kkawżalhom ukoll ħsara ħarxa psikoloġika.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu qabel ġie fformat il-ġuri, għalkemm wara illi ħareġ l-Att ta' Akkuża. Fir-rigward, il-Qorti qieset il-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin, li tirreferi wkoll għal dik estera, f'ċirkostanzi fejn il-ħati jirreġistra ammissjoni bikrija fi proċeduri kriminali, fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Frar 1997, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) nhar il-5 ta' Lulju 2002, **Il-Pulizija vs Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar is-17 ta' Lulju 2002 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici**, deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2004. Fil-kuntest tal-każ tal-lum, il-Qorti qed tqis ukoll illi l-ammissjoni tal-akkużat f'dan l-istadju evitat illi l-vittmi jerġgħu jixhdu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, bil-konsegwenzi psikoloġiċi li dan kollu jġib miegħu għall-istess vittmi tar-reat.

Qieset ukoll in-natura ferm serja tar-reati odjerni, u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ossia illi l-akkużat ikkommetta stupru u reati konsegwenzjali fuq il-persuna ta' żewġ minuri, *Omissis 2* u *Omissis 3*, f'żewġ okkażjonijiet separati, biċ-ċirkostanzi aggravanti kollha applikabbli f'dan il-każ, inkluż il-ħsara psikoloġika li ġarrbu l-vittmi tiegħu. Qieset in oltre, kif diġa` ġie ddikjarat iżjed 'il fuq f'din is-sentenza, illi l-proċediment ġie ddikjarat eżawrit fil-konfront tar-reati kommessi fuq il-minuri *Omissis 1*, f'żewġ okkażjonijiet separati, **b'dan għalhekk illi l-piena tal-lum qed tiġi erogata fir-rigward tar-reati kommessi fil-konfront tal-minuri *Omissis 2* u *Omissis 3*.**

Qieset in oltre l-ġurisprudenza in materja u pieni erogati dwar reati li jinvolvu reati simili. Naturalment, kull każ għandu l-fattispeċi tiegħu, u fil-waqt illi l-ġurisprudenza in materja tista' sservi bħala linja gwida, il-piena mposta għandha dejjem tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ in diżamina. F'dan il-kuntest, din il-Qorti tqis illi sabiex l-Avukat Ġenerali wasal għal piena patteġġjata bejn il-partijiet, qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż ukoll il-provi mressqa fl-istadju tal-kumpilazzjoni, liema provi din il-Qorti fliethom ukoll. F'dan il-kuntest, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll *inter alia* illi xhud okulari tal-avvenimenti li seħħew in kwantu l-minuri *Omissis 3*, għażlet li ma tixhidx quddiem il-Qorti Istruttorja.

Tenut kont tas-suespost, u illi l-piena mitluba hija fil-parametri tal-liġi, fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-akkużat u illi l-proċediment ġie dikjarat eżawrit in kwantu r-reati kommessi fuq il-minuri *Omissis 1*, il-Qorti tqis illi għandha taderixxi mat-talba konġunta magħmula mill-partijiet u għalhekk se teroga, fil-konfront tal-akkużat, il-piena mitluba mill-partijiet, permezz tar-rikors konġunt ippreżentat minnhom kif ingħad.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 198 (kif fis-seħħ qabel l-emendi permezz tal-Att XIII tas-sena 2018), 201(a), 202(b)(g)(h)(iii)(v)(j)(k)(m) (kif fis-seħħ illum, b'din id-disposizzjoni fil-liġi llum iżjed favorevoli għall-akkużat), 203(1)(a)(ċ), 204Ċ(2)(a), 207 (kif fis-seħħ qabel l-emendi permezz tal-Att XIII tas-sena 2018) u 208AĊ(1)(a)(b)(d)(e)(2), tikkundanna lill-akkużat ***Omissis*** għal piena ta' **tnax-il (12) sena priġunerija effettiva**.

Fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah in oltre għall-ħlas, lir-Reġistratur, tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia is-somma ta' tliet mitt ewro (€300), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert psikologu Fr. Joseph Farrugia u r-relazzjoni tiegħu esebita a fol. 77 *et seq* tal-atti kumpilatorji, is-somma ta' mitejn, tnejn u sebgħin ewro (€272), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert il-Psikjatra Dr. Ethel Felice u r-relazzjoni tagħha, immarkata Dok. EF 1, esebita a fol. 274 *et seq* tal-atti kumpilatorji u s-somma ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert, il-Psikologa Elaine Schembri Lia u r-relazzjoni tagħha, immarkata bħala Dok. ESL 1, u esebita a fol.

283 *et seq* tal-atti kumpilatorji, b'kollox tali spejjeż ammontanti għas-somma ta' elf, tnejn u għoxrin ewro (€1,022), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum, u fin-nuqqas jiġu konvertiti fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi isem il-ħati jitpoġġa fir-Reġistru mwaqqaf taħt l-istess Att u konsegwentement tordna, fit-termini tal-Artikolu 6(2) tal-istess Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta, illi meta ssir definittiva, din is-sentenza għandha tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali.

Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem *Omissis 1, Omissis 2, Omissis 3, Omissis 4, Omissis 5 u Omissis 6* kif ukoll isem l-akkużat *Omissis*, u dan sabiex tiġi protetta l-identita` tal-vittmi.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**